# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

It-Tnejn, 6 ta' Frar, 2017

Il-Kunsilli Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (0) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina Amanda Vella | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 31.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements, 2016.

31.1.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-Financial Statements tas-sena 2016, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega ir-rapport.

31.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li għal sena oħra, il-Kunsill għamel profitt, din is-sena ta' €66, 560, li huwa ta' €20,000 iktar mis-sena ta' qabel. Huwa informa wkoll li l-Financial Situation Indicator kompla jitjieb.

31.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill warrab ukoll somma sostanzjali sabiex ikun f'pożizzjoni li jħallas djun marbuta ma' *Public Private Partnership.*

31.1.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa jinsab kuntent bil-miljorament li qed jagħmel il-Kunsill fejn jidħlu finanzi, madankollu fakkar li għad baqa' xi jsir sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jwettaq proġetti mill-fondi tiegħu.

31.1.5. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier HS u ssekondata mill-Kunsilliera LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 31.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

31.2.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.28 ta filgħaxija.

Konfermati, illum 20 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmat] | [Iffirmat] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |